MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Numru. 63/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed**

Numru: 63/2012

Illum 5 ta’ Marzu, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Walid Salah Abdel Moteleb Mohamed**, ta’ sitta u tletin (36) sena, bin Salah Mohamed u Nazia neé Abdul Radi, imwieled Alexandria, Egittu, nhar is-17 ta’ Awwissu 1975, residenti Numru 6, Triq ir-Rabat, Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 18535A akkuzat

talli nhar it-28 ta’ Lulju 2012 u fil-granet ta’ qabel, kif ukoll fix-xhur ta’ qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f’diversi postijiet f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin, ukoll jew fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal mhux aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta’ Giovanna Borg (ID Nru. 25832(G)) u/jew ta’ persuni ohra;

2. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-persuni ta’ Christiana Vella (ID Nru. 17188(G)), Giovanna Borg (ID Nru. 25832(G)), Warren Vella (ID Nru. 14190(G)), Maria Assunta Vella (ID Nru. 15169(G));

3. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lill-persuni ta’ Christiana Vella (ID Nru. 17188(G)), Giovanna Borg (ID Nru. 25832(G)), Warren Vella (ID Nru. 14190(G)), Maria Assunta Vella (ID Nru. 15169(G));

4. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lill haddiehor u cioé lil Christiana Vella (ID Nru. 17188(G)), Giovanna Borg (ID Nru. 25832(G)), Warren Vella (ID Nru. 14190(G)), Maria Assunta Vella (ID Nru. 15169(G)) bizgha li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha;

5. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisser il-bon-ordni b’ghajjat u glied;

6. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen jew indicenti, kif ukoll dagha fil-pubbliku;

7. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Christiana Vella (ID Nru. 17188(G)), Giovanna Borg (ID Nru. 25832(G)), Warren Vella (ID Nru. 14190(G)), Maria Assunta Vella (ID Nru. 15169(G)) b’mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien ta’ fastidju ghal dik il-persuna;

8. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta’ xi *network* jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi l-parti leza kollha, cioé Giovanna Borg, Christiana Vella, Warren Vella u Maria Assunta Vella, rrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u ghazlu li ma jixhdux rigward il-mertu tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, l-imputat obbliga ruhu li bl-ebda mod ma jdejjaq, ikellem jew jimmolesta lil Maria Assunta Vella.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1), tar-raba’ (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba’ (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat**,** fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat minnhom, u fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

Finalment, il-Qorti, in vista tal-fatt li l-parti leza kollha rrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif mitlub fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u, ghaldaqstant, tali talba qed tigi michuda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------